focus...

# Għaqda Mużikali Sant' Andrija

Mit hu xi ħaġa li tista' temmen fih, iżda ma jfissirx li bilfors eżista jew kien hekk. Il-mijti għadhom popolari anke fil-ġurnata tal-lum u għadna nsibu min jinkurraġihom u jagħtihom importanza anke aktar minn dokumentazzjoni storika li tgiddeb dawn il-mijti!

Kull dokumentazzjoni storika li nafu biha tistabilixxi li qabel it-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija fl-1883, f'Ħal Luqa ma kienet għadha twaqqfet ebda soċjetà mużikali oħra u dawn il-fatti storiċi issa ilhom magħrufa u ppubblikati. Kulmin ma jridx jaċċettahom allura issa dik hija problema tiegħu però dak li nkiteb 'l fuq minn mitt sena ilu nkiteb biex jibqa' hemm! Illum, forsi aktar minn qatt qabel, b'wiċċna minn quddiem u b'kuraġġ kbir inħarsu lejn is-sena 2008, is-sena li fiha se nfakkru meta l-Ħalluqin 125 sena ilu, waqqfu s-soċjetà mużikali tagħhom u semmewha Sant' Andrija.

Hekk wara li rajna lis-*Società Filarmonica San Andrea* tibda tippparteċipa fil-Festa Titulari sa missena 1884, is-sena 1886 kienet sena partikulari li rat lil din is-Soċjetà tkompli tiffjurixxi. Issa li l-banda kienet issaħħet sew, is-surmast direttur tagħha Mro. Tommaso Galea ħaseb sabiex jirregala lill-banda l-ewwel innu b'tifħir lill-Patrun tagħha u ta' Ħal Luqa l-Appostlu Sant' Andrija. Dan kien l-ewwel innu li ndaqq minn banda firraħal ad unur Sant' Andrija. F'dik is-sena wkoll kienet imżanżna l-istatwa ta' Malta Gwerriera xogħol Karlu Darmanin, fuq kolonna fil-misraħ. Ġrajja li tefgħetha f'niket kbir kienet it-telfa tal-fundatur tagħha s-Sur Giuseppe Micallef fil-21 ta' Mejju 1886. Biex jimla dan il-vojt kien inħatar in-Nobbli Giorgio Crispo Barbaro, Markiz ta' San Ġorġ bħala president onorarju, filwaqt li G.F. Micallef inħatar president.

Kull sena jkollha dawk il-ġrajjiet li jagħmluha partikulari minn oħra. Il-festa ta' Sant' Andrija tas-sena l-oħra kienet waħda minn dawk il-festi kbar fejn kollox mexa sew u Ħal Luqa kisbet l-ammirazzjoni ta' bosta nies. Wara l-festa l-attivitajiet ma waqfu xejn. Kienu diversi l-attivitajiet kulturali fost dawn irridu nsemmu dawk marbuta mal-Festa Liturġika ta' Sant' Andrija fit-30 ta' Novembru, fejn fost l-attivitajiet ittellgħet serata mużiko letterarja fejn ingħata ġieħ lil żewġ personalitajiet Ħalluqin - it-tenur Andrew Sapiano u l-kittieb Juan Mamo. Il-Milied ukoll ġab miegħu attività sħiħa u għal darb'oħra sar il-presepju artistiku li din is-sena kien ta' livell għoli ħafna. Però l-akbar attivi-tà kulturali li saret din is-sena kienet marbuta mal-wirja ta' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa fejn fuq inizjattiva tas-Sezzjoni Żgħażagħ, il-poplu ta' Ħal Luqa reġa' ngħata lura u seta' jgawdi u japprezza x-xelter ta' żmien it-tieni gwerra dinjija li jinsab taħt il-pjazez u li l-bokka prinċipali tiegħu tinsab fis-sotteran tal-każin tagħna. Din kienet inizjattiva kollha mertu tagħhom li għal darb'oħra, bil-fatti żżgħażagħ fi ħdan l-għaqda tagħna taw prova ta' kemm hu għal qalbhom il-patrimonju Ħalluqi. Dawn l-attivitajiet kulturali kienu suċċess kbir, xhieda ta' dan hu n-numru kbir ta' nies li attendew għalihom u l-kliem ta' tifħir u inkuraġġiment li kellhom.

L-attività mużikali tkompli tul is-sena kollha. Marbuta ma' l-attivitajiet kulturali dejjem kellnha sehem il-Banda li taħt id-direzzjoni ta' Mro. Paul Schembri dejjem ippreparat programmi addatati għal kull okkażjoni. It-tagħlim tal-banda ma jieqaf qatt mill-għalliema tagħna u hawnhekk ninkuraġġixxu lill-ġenituri biex iħajru t-tfal tagħhom jitgħallmu xi strument u jingħaqdu mal-banda tagħna.



Ladarba qegħdin insemmu l-banda, ma nistgħux ma niqfux sabiex insellmu lis-Sur Carmelo Baldacchino li t-telfa tiegħu tefgħet f'niket kbir lill-Għaqda tagħna. Is-Sur Karm okkupa għal diversi snin il-kariga ta' president u kien meqjuz wieħed mill-pilastri tal-Għaqda tagħna. Hu ddedika ħajtu u l-enerġija tiegħu sabiex jaraha timxi 'l quddiem. Tul dawn l-aħħar 20 sena għallem għexieren ta' tfal u żgħażagħ il-mużika u wassalhom biex jingħaqdu bħala bandisti mal-banda tagħna. Inkuraġġihom ikomplu fl-istudji tagħhom u dejjem kellu pariri tajba x'jagħtihom. Żgur li dawn il-bandisti huma l-aqwa wirt li ħallielna s-Sur Karm, mhux biss lill-Għaqda tagħna iżda lil Ħal Luqa. Is-Sur Karm żgur li ser nibqgħu niftakruh bħala wieħed minn dawk li ta ħafna lill-Għaqda Mużikali Sant' Andrija u lil Ħal Luqa.

Żewġ sezzjonijiet li matul is-sena jaħdmu bis-sħiħ għall-festa huma ta' l-armar u tan-nar. Din is-sena xejn anqas minn snin oħra dawn id-dilettanti ħadmu bis-sħiħ. Fortunatament inċident li seħħ f'waħda mill-kmamar fil-kumpless tal-kamra tan-nar ma ħalliex konsegwenzi koroh u wara waqfa ta' ftit ġimgħat tkompla x-xogħol. Dawn id-dilettanti li jaħdmu b'tant sagrifiċċju u f'periklu kontinwu jistħoqqilhom kull tifħir, u grazzi għalihom matul il-jiem tal-festa nkunu nistgħu ngawdu spettaklu sħiħ ta' xogħol piroteknikú li jsebbaħ il-festa tagħna. Id-dilettanti ta' l-armar din is-sena se jżżanżnu l-ewwel parti ta' l-armar il-ġdid għal triq id-9 ta' April li żgur se jagħti dehra ferm isbaħ lil din il-parti taċ-ċentru tar-raħal tagħna. Barra dan ix-xogħol sar ħafna xogħol ieħor ta' restawr fuq l-armar l-ieħor, fosthom fuq l-istatwa ta' Malta Gwerriera. Hemm ukoll is-sezzjonijiet taż-żgħażagħ u tan-nisa li bil-ħidma tagħhom inkunu nistgħu niċċelebraw bl-akbar pompa l-festa titulari. Il-membri bandisti flimkien mas-surmast direttur bħal fi snin oħra ħejjew programm varjat bil-parteċipazzjoni ta' kantanti li żgur għandu jkun l-attrazzjoni speċjali fil-jiem tal-festa u ġabra ta' marċi brijużi fost l-isbaħ li hawn fi gżiritna.

Finalment hu pjaċir tagħna nħabbru li wasalna biex nikkonkludu x-xiri ta' propjetà li tmiss mal-każin. Din ser tagħti lok li l-każin ikompli jikber u jkun jista' jaqdi aħjar il-ħtiġijiet tas-Soċjetà tagħna. Grazzi speċjali lill-membri li qed jagħtu l-kontibuzzjoni finanzjarja tagħhom.

Fl-aħħarnet inħeġġu lill-Ħalluqin kollha biex jipparteċipaw fil-festa, b'mod speċjali fil-festi reliġjużi fil-knisja, u f'għaqda waħda fil-festi esterni. Nirringrazzjaw ukoll lill-Ħalluqin kollha tal-ġenerożità tagħhom u ta' l-appoġġ tagħhom lill-Għaqda Mużikali Sant' Andrija. Grazzi u l-Festa t-tajba lil kulħadd.